



# Il-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca - *Dr. Joseph F. Grima*

## Ħakkiem ta' Malta mill-1741 sal-1773



Dell'Altezza Vostra Eminentissima
Um.mo Dev.mo ed obb.mo Ser.re et Obed.mo Relig.e il Bali Senescalco Barone de Stadl.
Magri Angeli Hierlem — Habita relatione Terram Curmi erigimus in Civitatem imponentes ei Nomen Pinto = Dat. in Pal. die xxv. Maij 1743. Fr. Motter aud.

*Id-dokument li ddikjara lil Ħal Qormi bħala l-Belt Pinto. Bil-kortesija tal-Librerija Nazzjonali ta' Malta.*

Preċiżament 275 sena ilu, fil-25 ta' Mejju 1743, Ħal Qormi ngħata l-ġieħ u l-isem ta' belt: ***Città Pinto*** jew **Belt Pinto**. F'din l-għotja jien nilmaħ tliet protagonisti ewlenin: il-Kappillan Dun Ġużepp Vella, il-Baruni Ferdinand Ernst von Stadl li kiteb memorjal favur l-għoti ta' dan il-ġieħ u isem, u l-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca. Dwar l-ewwel tnejn diġà ktibt f'pubbilkazzjonijiet oħrajn u allura hu xieraq li nħażżeż xi ftit tagħrif u kummenti kritiċi fuq it-tielet wieħed, il-Gran Mastru Pinto.

Meta nidħlu f'Ħal Qormi mix-xaqliba tal-lokalità magħrufa bħala 'tal-erba' qaddisin', fir-*roundabout* naraw statwa imponenti tal-Gran Mastru Pinto u warajh lil Ħal Qormi, jew aħjar, il-Belt Pinto. Naħseb li lkoll nafu r-rabta ta' bejniethom, jiġifieri li, fuq talba li kienet saritlu mill-Kappillan ta' Ħal Qormi ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Vella li diġà semmejtu, Pinto għoġbu jagħti ismu lil dan ir-raħal għażiż tagħna b'dawn il-kelmiet li nsibuhom imniżżlin bil-Latin fil-*Liber Bullarum* (Volum 547) tal-Arkivju tal-Ordni ta' San Ġwann, miżmum fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta: ***Habita relatione, Terram Curmi erigimus in Civitatem, imponentes ei nomen Pinto***. Hi rabta kbira, rabta li ilha teżisti mill-1743, jiġifieri 275 sena, rabta li kemm-il darba ngħatat it-timbru uffiċjali meta lil Ħal Qormi rreferew għalih bl-isem li tah dan il-ħakkiem tal-Ordni ta' San Ġwann u Malta, rabta li nġedduha kull sena bit-tifkira ta' **Jum Ħal Qormi nhar il-25 ta' Mejju**.

*ikompli f paġna 64*

**Karriera fl-Ordni ta' San Ġwann**

Iżda dan Pinto min kien? X'għamel b'ħajtu? Ħaqqu ġieħ jew stmerrija? Dawn huma xi ftit mistoqsijiet li tajjeb nagħtuhom tweġiba, dejjem fil-qosor, u b'hekk inkunu qed immorru lura fl-istorja ta' artna li minnha nisiltu ġrajjet raħalna, tal-belt tagħna. Għax Pinto ħakem fuq Malta għal kważi terz ta' seklu, 32 sena biex inkunu eżatti, u renju daqshekk twil bilfors li kien imżewwaq b'kollox.

Emanuel Pinto de Fonseca, biex nagħtu ismu sħiħ, kien membru ta' familja mill-aktar nobbli tal-Portugall, iben Miguel Alvaro u Anna Teixeira. Kumbinazzjoni jum twelidu kien l-24 ta' Mejju 1681, ġurnata waħda biss qabel aħna niċċelebraw *Jum Ħal Qormi*. Ta' sentejn daħħluh fl-Ordni, sar paġġ tal-Gran Mastru Adrien de Wignacourt ta' 11-il sena, u pprofessa bħala Kavallier fl-età ta' 24 sena, lejlet l-Imnarja tal-1705.

Bħal kull kavallier ieħor, u fosthom kien hemm żewġ ħutu, Pinto wettaq il-karovani tiegħu fuq il-bastimenti tal-Ordni. Kieku ma qediex dan id-dmir, ma kienx ikun eliġibbli għall-promozzjonijiet u biex jingħata xi kommanderiji, iżda ma baqax imsemmi bħala gwerrier. Anzi, kien pjuttost studjuż tal-Letteratura, Teoloġija, Filosofija, Ġjometrija u l-Liġi Ċivili u Kanonika. Dam aktar minn 20 sena sħaħ jaqdi d-dmirijiet ta' Viċi-Kanċillier fit-tmun tal-Kanċellerija tal-Ordni, leħaq Balliju, u ngħata l-Kommanderiji ta' Cleiros u de Fontes. B'hekk, għalkemm m'għamilx isem bħala mexxej militari jew navali bħal, ngħidu aħna, l-Kavallieri Chambray, de Grasse u de Suffren, kiseb bosta esperjenza fil-qalba tal-amministrazzjoni tal-Ordni tiegħu, esperjenza li ssarrfet tajjeb meta leħaq Gran Mastru fl-1741 wara l-mewt ta' Raimondo Despuig.



*Il-palk principali tal-festa ta' San Ġorġ li fuqu tiddomina l-figura tal-Gran Mastru Pinto, figura maħduma fil-kartapesta minn Karlu Darmanin.*

**Deskrizzjoni u Aneddoti**

Viżitatur Ingliż f'Malta, Patrick Brydone, iltaqa' ma Pinto fl-1770 meta dan kellu 89 sena, u ddeskrivieh b'dawn il-kliem: "M'għandu ebda ministru iżda jagħmel kollox hu u għandu tagħrif immedjat tal-aħħar okkorrenzi żgħar. Jitla' u jinżel it-taraġ u jmur il-knisja mingħajr għajnuna, u l-bixra tiegħu hi ta' wieħed li ser jgħix bosta snin."

Fl-1758, meta kellu 77 sena, Pinto qara f'gazzetta Franċiża

notizzja tal-mewt tiegħu stess u, biex juri lil kulħadd li hu kien għadu ħaj, mexa mill-Belt sal-Marsa, distanza ta' bejn tlieta u erba' mili. Meta l-kavallieri iżgħar minnu bdew jgħajjew u sejħu għas-suġġetti tagħhom, Pinto dar lejn ta' madwaru u qalilhom, "Aħna xjaħna iżda qed noqtlu lil dawn l-irġiel iżgħar minna."

Is-sens umoristiku iżda sarkastiku tiegħu jidher ukoll f'episodju li seħħ lejn l-aħħar snin ta' ħajtu. Billi kien bżonn il-flus, issekwestra xi flejjes miġburin u użati għall-quddies tal-erwieħ u, meta l-prokuraturi ipprotestaw, weġibhom xott xott: "Tinkwetaw xejn; jien xjaħt ħafna u dalwaqt inkun mal-erwieħ. Hemmhekk nispjegalhom li l-bżonnijiet tiegħi kienu akbar minn tagħhom."

**Il-Ħakma Tiegħu**

Pinto kebbes ħafna emozzjonijiet kuntrastanti fis-sudditi tiegħu. Hu fatt storiku li tella' bini barokk sabiħ u grandjuż bħall-Kastellanija (illum il-Ministeru u d-Dipartiment tas-Saħħa), il-Berġa ta' Kastilja (illum l-Uffiċċju tal-Prim Ministru), id-Dwana u, importanti ħafna għall-ekonomija lokali, 19-il maħżen magħrufin bħala *l-Imħażen ta' Pinto* għat-trasbord (illum il-*Valletta Waterfront*), apparti fortifikazzjonijiet bħall-Forti Chambray f'Għawdex. Għall-ewwel snin kien hawn il-prosperità u, minkejja l-gwerer ma jaqtgħu xejn fl-Ewropa u fl-ibħra ta' madwarha inkluż fil-Mediterran, bil-makakkerija u d-diplomazija tiegħu għaraf joħroġ minn xi sitwazzjonijiet diffiċli u jtenni n-newtralità ta' l-Ordni tiegħu.

Numru ta' Maltin qisuh bniedem iebes iżda prattiku li ħa ħsieb li l-prezz tal-qamħ jinżamm baxx u li d-djun mal-*Monte di Pietà* jkunu maniġġabbli. Iżda kienu jqisuh ukoll bħala supperv, sever u ma jaħfirha lil ħadd. Numru sew ta' kavallieri tmeżmżu wkoll għax ried iwarrab kull regola li setgħet ixxekkillu l-poter tiegħu. Pinto xtaq jirrenja bħal dak li bl-Ingliż hu magħruf bħala *benevolent despot* (mexxej awtokratiku li jkun benevolenti mas-sudditi tiegħu) fuq l-istil ta' ħafna renjanti Ewropej, u ried jeħles mix-xekkil ta' Sqallija li ppretendiet, bir-raġun kollu, li twettaq fil-prattika s-sovranità fewdali tagħha fuq Malta. Baqa' jżomm il-kontrolli f'idejh sakemm miet u dan wassal lil wieħed viżitatur Franċiż, de la Platière, jikteb hekk dwaru ħames snin wara mewtu: "Kien mingħajr użanzi tajbin, mingħajr deċenza, ma kien jistma xejn; qaleb ta' taħt fuq l-affarijiet tal-Ordni, irvina t-Teżor tal-Università u awtorizza kull tip ta' serq, debuxxjar u brigandaġġ." Meta, aktar 'il quddiem, l-Ordni falla finanzjarjament, Pinto weħel b'kollox, tant li Ovid Doublet akkużah bħala l-ħtija tal-vizzji u l-indixxiplina tal-Kavallieri.

Imma tassew kienu hekk l-affarijiet? Inħobbu ngħidu bil-Latin, *In medio stat virtus*, u naħseb li dan il-kliem nistgħu napplikawh b'xi mod għal dan il-każ, jiġifieri li l-verità kienet xi mkien lejn in-nofs taż-żewġ estremi. Pinto ma jidhirx li kien laxk fil-ħajja personali tiegħu, u l-osservanzi reliġjużi kien jaqdihom kollha skont ir-regola. Hu magħruf, biex nagħtu eżempju li, meta kellu 84 sena, baqa' wieqaf tul

*ikompli f'paġna 70*